MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Numru 723/2005

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa**
**vs**
**Joseph Mary Difesa**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Joseph Mary Difesa ta' 53 sena iben Joseph u Mary nee' Farrugia mwieled Valletta fil-21 ta' Settembru 1951 u residenti 'Villa Difesa' Santa Clara, Bahar ic-Caghaq, ID 723051M.**

**Akkużat talli nhar is-Sibt 21 ta' Mejju 2005 ġewwa appartament numru 6 fi blokka ta' appartamenti mmarkata 14 fi Triq Felic il-Belt Valletta, ffalsifika jew biddel mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew**

**imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid.**

**Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi xjentement qiegħed fic-cirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għandu għall-bejgħ jew importa għall-ħsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbħin b'qerq u cioe 2727 optical diskettes konsistenti f'DVD's, Playstation software u audio CDs.**

**U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, għall-qligħ jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura jew iddpulika jew mod ieħor rriproduca jew kkopja jew biegħ jew qassam jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi skur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha u cioe 2727 optical diskettes konsistenti f'DVDs, Playstation sofware u audio CDs.**

**Akkuzat ukoll talli sar ricediv a terminu ta' l-Artikoli 49 et seq tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 29 ta' Mejju 2001, 4 ta' Frar 2002, 14 ta' Marzu 2002, 27 ta' Gunju 2002, 27 ta' Jannar 2003 u 3 ta' Frar 2005, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, fid-diskrezzjoni taghha, hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.**

**Rat l-ammissjoni ta' Joseph Mary Difesa ghal dawn l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha. Ghal daqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 298(1)(a), 298(1)(f), 298B u 49 u 50 tal-kap 9 ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qed tikkundannha ihallas multa ta’ 2500 Euro fi zmien xahrejn millum. Barra dan, il-Qorti qed tordna il-konfiska kif wkoll id-distruzzjoni ta’ l-affarijiet meta dawn jigu esebiti.**

MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------